MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 602/2010

**Francis Cutajar**

**Vs**

**Malta Freeport Terminals Ltd**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Gunju 2010, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi r-rikorrent Francis Cutajar huwa haddiem tax-xatt u ghandu licenzja numru 749;*
*2. Illi f'incident li sehh nhar it-13 t'Awwissu, tas-sena 2008, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu bhala haddiem tax-xatt gewwa l-Freeport Terminal,*

*ir-rikorrent sofra debilita' permanenti u b'hekk sofra danni konsiderevoli kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*
*3. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali sehh unikament b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli u naqset milli tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet neccessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*
*4. Illi ghalkemm interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti (**Dokument FC1** anness), is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-13 t'Awwissu, 2008 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Francis Cutajar sofra debilita' permanenti;*
*(2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;*
*(3) Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata in subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fid-19 ta' Awwissu 2010, is-socjeta' konvenuta wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrent Cutajar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Cutajar u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew negligenza tas-socjeta' intimata;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-disabilita' allegatament sofferta mir-rikrorent u d-danni sofferti minnu huma ikkontestati, u r-rikorrent ghandu jressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex jipprova d-danni pretizi minnu;*

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Responsabbilta</u>**.

Il-kawza titratta dwar incident li sehh fit-13 ta' Awissu 2008 meta l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol. L-attur kien haddiem tax-xatt. L-incident sehh waqt li l-attur kien qieghed jaghmel xoghol ta' *lashing* fuq il-bastiment CMA CGM Condor. Fl-affidavit spjega:

*".... ahna jkollna qisha virga li biha nifthu dawn it-twistlocks li semmejt u kont qieghed naghmel din il-manuvra biex niftah it-twistlocks. Uzajt il-procedura tas-soltu, jigifieri li wzajt din il-virga biex niftah it-twistlocks izda ghal xi raguni din il-virga*

*inqalghet minn postha u waqajt lura minn fuq il-hatch cover ghal fuq il-passagg tal-vapur"* (fol. 32).

Ma sarx kontro-ezami lill-attur. Dwar kif sehh l-incident hemm biss il-verzjoni tal-attur. M'hemmx provi li jikkontradicu dak li xehed l-attur dwar id-dinamika tal-incident. Il-qorti fehmet li fejn l-attur kien qieghed jahdem ma kienx hemm ilqugh. Dan wassal biex waqa' fil-*passage way* tal-vapur. Jidher li kien hemm gholi ta' sular (ara dokument A1 a fol. 34).

Il-qorti fehmet li l-attur m'huwiex impjegat tal-konvenuta[1]. Madankollu kien qieghed jaghmel xoghol ghaliha. Ghalkemm l-attur wegga' fuq vapur, ma jfissirx li l-konvenuta m'ghandhiex responsabbilta'. Irrizulta kif haddiem tax-xatt kien jinghata ingwanti mill-konvenuta[2]. Cirkostanza li fiha nnifisha turi li l-konvenuta taghraf li ghandha d-dmirijiet fil-konfront ta' haddiema tax-xatt. Fir-rapport li sar minn ufficjali tal-konvenuta jinghad: *"The injured person France Cutajar was wearing his full safety gear ……."* (fol. 34). Hu evidenti li *harness* ma kienx inghata. M'hemmx dubju li x-xoghol ta' *lashing* u *delashing* hu min-natura tieghu xoghol perikoluz. Il-haddiem irid jinghata *protective equipment* sabiex kemm jista' jkun jigi minimizzat il-periklu li hemm f'dan it-tip ta' xoghol. Skond regolament 8(1) tal-*Port Workers Regulations* (Ligi Sussidjarja 171.02):-

*"Port workers shall work with the tools and equipment provided by their employer"*[3].

Hi l-fehma tal-qorti li dan l-incident facilment kien jigi evitat li kieku l-attur inghata *protective equipment* addattat ghal post fejn kellu jaghmel ix-xoghol li tqabbad jaghmel ghas-servizz tal-konvenuta. Dan qieghed jinghad ghaliex mill-ftit provi li tressqu mill-partijiet il-qorti fehmet li l-attur kellu jahdem vicin xifer fejn ma kienx hemm ilqugh u lil hinn minn dak ix-xifer kien hemm spazju vojt b'gholi ta' madwar sular. Cirkostanzi li kienu jezigu li l-haddiem jinghata taghmir addattat ghas-sigurta tieghu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti[4] fil-kawza **Maria Assunta Zerafa et vs Freeport Terminal (Malta) plc et** tas-7 ta' Frar 2012. Hemm ukoll il-konvenuta kienet argumentat li l-vittma ma kienx impjegat taghha. Madankollu l-qorti qalet hekk:

---

[1] B'dan pero' li ghal finijiet tal-Port Workers Ordinance (Kap. 171) principal tinkludi *'terminal operator'*, kif wara kollox hi l-konvenuta. Interessanti wkoll kif meta l-attur applika mad-Dipartiment ghas-Sigurta Socjali biex jinghata l-beneficcju ghall-korriment, bhala principal hemm timbre ta' Malta Freeport Terminals Limited bhala l-principal u gie ddikjarat li l-attur wegga 'fil-kors tal-impjieg'. Il-qorti fehemet ukol li l-firma li tidher fuq il-kliem 'Firma tal-Principal' hi ta' ufficjal tal-kumpannija konvenuta gialadarba fit-Taqsima fejn hemmit-taghrif dwar il-Principal hemm l-istem u l-indirizz tal-konvenuta. Fatt li jindika li kienet tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

[2] Ara deposizzjoni ta' Jude Bonnici (seduta 10.12.2014).

[3] Rajna kif skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 171, principal tinkludi *'operatur ta' terminal'*.

[4] Imhallef R. Pace.

*"Illi dwar il-punt imqajjem mis-socjeta konvenuta li ladarba Albert Zerafa kien self employed u kien jigi assenjat xoghol mill-Port Workers Scheme mela allura l-istess socjeta konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-incident ghaliex id-decujus ma kienx impjegat taghha, jinghad li din is-sottomissjoni ma tregix ghaliex ladarba l-istess persuna kienet qed taghti servizz lis-socjeta konvenuta, u dan anke fuq il-lant tax-xoghol provdut mill-istes socjeta, mela allura hija kienet obbligata li tipprovdi ghall-istess persuna li qed trendi tali servizz lilha sistema adegwata u sigura ta' xoghol, inkluz sistema ta' supervizjoni u sorveljanza adegwata tax-xoghol ……"*.

**Danni**.

Skond ir-rapport tal-periti medici, l-attur qieghed ibati minn debilita permanenti ta' 8% (fol. 101). L-attur jippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru a bazi tar-rata ta' debilita stabbilita mill-espert mediku *ex parte* u l-ewwel perit mediku li nghata l-inkarigu b'digriet tal-24 ta' Settembru 2010 (fol. 28). Il-qorti ma taqbilx meta tqies li:

i. It-tabib *ex parte* kien ezamina lill-attur fis-16 ta' Ottubru 2008 (fol. 47), filwaqt li l-ewwel perit mediku ezaminah fil-21 ta' Ottubru 2011 (fol. 69). Il-perit medici addizzjonali ezaminawh fil-25 ta' Frar 2013.
ii. L-attur ghazel li ma ghamilx eskussjoni tal-perit addizzjonali.
iii. Ma nghatat l-ebda raguni valida ghalfejn il-qorti ghandha tiskarta l-opinjoni ta' tlett tobba li ezaminaw lill-attur fi zmien li hu l-iktar vicin ghas-sentenza.

L-attur twieled fl-14 ta' Novembru 1950. Ghalhekk meta sehh l-incident kien wasal biex jaghlaq 58 sena. Jirrizulta li wara l-incident ghamel zmien b'*sick leave* u eventwalment dahal lura ghax-xoghol u baqa' jahdem sakemm irtira biz-zmien. L-attur qieghed jippretendi li jigi kkumpensat:-

i. Qliegh li tilef fil-perjodu li ma kienx qieghed imur xoghol fil-perjodu bejn 13 ta' Awissu 2008 sat-18 ta' Jannar 2009.

   F'dan ir-rigward George Ciantar[5] xehed li f'dan il-perjodu l-attur tilef qliegh ta' €23,451. Dan l-ammont hu gross. Ghalhekk minnu ghandha titnaqqas it-taxxa li kieku kien ihallas u li fil-fatt ma hallasx ghaliex ma ghamilx dak il-qliegh[6]. Bazat fuq dak li hallas bhala taxxa fis-sena 2008 il-hlas dovut lill-attur hu ta' **€18,057[7]**. Ma' din is-somma trid tizdied is-somma ta' €240 li hallas lit-tabib li kien ikkonsulta dwar dan il-kaz (fol. 26). Total ta' **€18,297**.

[5] Dak iz-zmien ufficjal ta' Malta Maritime Authority.
[6] Ara sentenzi ta' din il-qorti kif presjeduta fil-kawzi **Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana** tal-4 ta' Mejju 2015 u **V. Fenech vs Malta Freeport Terminals Limited** tal-15 ta' Lulju 2015.
[7] Kalkolata fuq rata ta' 23%.

ii. Kumpens ghal griehi li sofra kalkolati fuq perjodu ta' tliet snin, cjoe' sakemm lehaq l-eta' tal-pensjoni[8]. Ghalkemm l-attur xehed ukoll li minhabba l-incident ma setax jaghmel *extra duties* u dan fisser telf ta' qliegh, provi dwar dan ma tressqux. L-attur ma spjegax fhix kienu jikkonsistu dawn l-extra duties u xi qliegh tilef. Fil-fehma tal-qorti riferenza biss ghal *Final Settlement System (FSS) Payee Statement of Earnings*, m'hijiex bizzejjed biex taghti prova li tilef qliegh ghaliex ma setax jaghmel *extra duties*.

    Skond George Ciantar l-attur irtira fl-ahhar ta' Dicembru 2010 (fol. 50B). Fic-cirkostanzi l-kalkoli ser isiru a bazi tad-dhul li kellu fis-snin 2008, 2009[9] u 2010[10], wara li titnaqqas it-taxxa[11]:-

    €38,705 (2008) + €45,838(2009) + €55,216(2010) + €23,451 (dhul li tilef fil-perjodu li kien *sick leave*[12]) = €163,210 x 8%[13] = **€13,057[14]**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attur u:**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' wiehed u tletin elf tlett mija u erbgha u hamsin ewro (€31,354).**
2. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

---

[8] Ara l-ahhar faccata tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[9] Fir-rigward tas-snin 2008 u 2009 ser tittiehed ukol in konsiderazzjoni s-somma ta' €23,451 dhul gross li tilef ghaliex kien bis-sick leave (ara dokument FC2 a fol. 17).
[10] Ara dokumenti GC1-GC3 (fol. 51-53).
[11] Ara sentenzi hawn fuq citati.
[12] Perjodu bejn it-13 ta' Awissu 2008 u 18 ta' Jannar 2009 (fol. 17).
[13] Rata ta' debilita permanenti stabbilita mill-periti medici addizzjonali (fol. 101).
[14] Mhux ser issir tnaqqis ghal lump sum payment peress li l-kalkoli qeghdin isiru fuq tliet snin li diga' ghaddew.

---------------------------------TMIEM---------------------------------